MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

**Illum 9 ta' Diċembru, 2016**

Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1746/2016/I LM

**Stefan Xuereb I.D. Nru. 455662(M)**

**vs.**

**Giuseppe Xuereb I.D. Nru. 148834(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru, 2016 mir-rikorrent **Stefan Xuereb** (minn issa 'il quddiem "ir-rikorrent") fejn intqal dan illi ġej:

*Illi l-esponent, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu jixtieq iżomm lill-intimat milli jbiegħ, jiddisponi, jassenja jew jittrasferixxi bi kwalsiasi titolu kemm oneruż jew gratuwitu* <u>*dak kollu*</u> *li l-intimat wiret mingħand id-defunta Anna Xuereb, li tiġi mart l-intimat u omm l-esponent u dan sabiex jiġu kkawtelati l-interessi tiegħu fir-rigward tal-istess assi ereditarji in vista ta' dak li l-esponent qiegħed jitlob permezz ta' kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-istess ismijiet ta' dan il-Mandat (Rikors Ġuramentat Numru 757/16JRM) permezz ta' liema l-validità tad-disposizzjonijiet testamentarji*

*tad-defunta Anna Xuereb favur l-intimat Giuseppe Xuereb qed jiġu impunjati kif jirriżulta spjegat aħjar fir-rikors ġuramentat promotur referibbli għal tali kawża, anness mal-Mandat bħala Dok. A li jinkludi wkoll id-dokumenti annessi miegħu fosthom causa mortis li saret mill-intimat fir-rigward ta' parti mill-eredità;*

*B'mod partikolari iżda mhux limitatament, l-esponent jitlob sabiex l-intimat ikun hekk inibit fir-rigward tal-proprjetà kollha elenkata fl-Att Pubbliku tad-dikjarazzjoni causa mortis datata 22 ta' Jannar, 2015 hawn fuq riferita, li l-intimat kien deher għaliha wara l-mewt tal-imsemmija defunta Anna Xuereb, <u>kif ukoll</u> fir-rigward tal-proprjetà mobbli kollha li kienet tifforma parti mill-assi parafernali tad-defunta Anna Xuereb jew li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn l-intimat, b'mod partikolari oġġetti ta' antikità jew artistiċi ta' valur fosthom pitturi u vetturi antiki (classic cars) ta' valur konsiderevoli inkluż iżda mhux limitatament l-oġġetti kollha li huma soġġetti għall-mandat ta' deskrizzjoni Numru 1266/16 ippreżentat fl-istess ismijiet ta' dan il-Mandat;*

*F'dan ir-rigward jintalab ukoll sabiex l-intimat jiġi inibit ukoll milli jidher fuq kwalsiasi att finali li jaf ser ikun qed isir in vista ta' kwalsiasi konvenju inkluż konvenju datat 29 ta' Frar tas-sena 2016 quddiem kwalsiasi Nutar u li possibbilment hemm indikazzjonijiet li ser jiġi pubblikat min-Nutar Sam Abela illum 25 ta' Novembru, 2016;*

*Illi b'hekk il-ħruġ ta' dan il-Mandat hu essenzjali stante li kwalsiasi bejgħ, trasferiment jew assenjazzjoni oħra tal-proprjetà imsemmija f'dan il-Mandat tkun ta' preġudizzju irrimedjabbli fil-konfront tal-esponent, tenut kont ta' dawk li huma l-pretensjonijiet fil-kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili msemmija aktar kmieni f'dan il-Mandat aktar u aktar meta wieħed iqis il-valur u l-kwantità ta' immobbli li jiffurmaw il-mertu ta' dan il-mandat kif ukoll stante li l-mobbli in kwistjoni huma oġġetti ta' antikità jew artistiċi uniċi u vetturi antiki (classic cars) u li għandhom valur kemm monetarju għoli kif ukoll valur sentimentali konsiderevoli għall-esponent.*

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2016 li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati li kellhom sat-30 ta' Novembru, 2016 għar-risposta u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għall-1 ta' Diċembru, 2016.

Rat ir-Risposta tal-intimat **it-Tabib Giuseppe Xuereb** (minn issa "l-intimat") fejn wieġeb kif ġej:

1. *Minn qari tar-rikors jidher biċ-ċar li l-ewwel parti tiegħu qiegħed isir bis-saħħa tad-disposizzjoni tal-artikolu 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimat huwa tal-fehma li r-rikorrent ma ssodisfax il-vot tal-liġi li insibu fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 874 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Senjatament meta jingħad f'dan l-artikolu tal-liġi li:*

   > *"Meta mandat jipprojbixxi l-bejgħ, it-trasferiment jew it-tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli, ir-rikors għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinħareġ kontriha u li huma meħtieġa mil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' trasferimenti ta' proprjetà immobbli minn dik il-persuna fir-Reġistru Pubbliku".*

   *Illi fir-rikors odjern kull ma hemm apparti isem l-intimat huwa n-numru tal-karta ta' identità tiegħu. Għal kull buon fini però jingħad li fid-dokument ittra "E" hemm dawn id-dettalji tal-intimat.*

   *u*

   > *"Fejn il-mandat jirreferi għall-immobbli speċifiċi, dawn għandhom jiġu deskritti fir-rikors, bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, dwar noti tal-iskrizzjoni jiġifieri li din għandha sseħħ b'referenza għad-data ġeografika inkwistjoni".*

   *Illi ukoll fir-rikors odjern ma hemmx dan il-kweżit meħtieġ mil-liġi. Għal kull buon fini però jingħad li fid-dokument "E" hemm id-dettalji tal-proprjetà għalkemm biex jingħad kollox mhux kull deskrizzjoni tal-proprjetà hemm imsemmija tissodisfa il-vot tal-liġi meħtieġa fis-sub-artikolu (2) tal-imsemmi artikolu.*

   *u*

   > *"Meta r-rikors jirreferi għal proprjetà immobbli speċifika għandu wkoll ikollu mehmuż abbozz sħiħ tan-nota ta' iskrizzjoni biex tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku".*

   *Illi fuq dan l-aħħar punt, fir-Rikors odjern ma hemm xejn.*

2. *Għalhekk l-intimat, meħud kollox in konsiderazzjoni huwa tal-umli fehma li dan ir-rikors kontenenti talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa null u mhux skont il-liġi.*

3. *Ukoll u b'mod preliminari, jingħad li r-rikorrent ma jistax iżomm lill-intimat milli jiddisponi min ġidu 'l għaliex il-premessi u t-talbiet fil-kawża bin-numru 757/16/JRM tirrigwarda biss, f'każ ta' eżitu favorevoli għalih, il-ġid tad-defunta Anna Xuereb. Dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent fir-rikors odjern huwa sabiex il-Qorti żżomm lill-intimat milli jiddisponi minn ġidu (dak formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejnu u bejn martu, id-defunta Anna Xuereb) meta ma hemm l-ebda proċedura pendenti kontra l-intimat dwar dan u f'kull każ lanqas ma tirriżulta din il-kawżali fir-rikors odjern. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jgħid testwalment hekk: "… jew li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn l-intimat…".*

4. *Ukoll b'mod preliminari, ir-rikorrent jagħmel użu mill-Artikoli 873 u 874 tal-Kapitolu 12 fl-istess rikors meta dan mhuwiex konsentit.*

   (i) *Jidher li l-ewwel parti tar-rikors odjern – dik dwar proprjetà immobbli – hija magħmula taħt l-artikolu 873 tal-Kap. 12. Kif diġa rajna aktar 'il fuq, jeħtieġu li jiġu sodisfatti diversi rekwiżiti sabiex mandat ikun jista' jintlaqa' taħt dan l-artikolu tal-liġi, ħaġa li fil-fehma tal-intimat, ir-rikorrent m'għamilx u għalhekk huwa null u mhux skont il-liġi.*

   (ii) *Jidher li t-tieni parti tar-rikors odjern – dik dwar oġġetti mobbli - hija magħmula taħt l-artikolu 873 tal-Kap. 12. It-talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 873 tal-Kap. 12 hija intiża sabiex l-intimat jiġi miżmum "milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat". F'dan il-każ, huwa jrid juri l-preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat". F'dan il-każ, huwa jrid juri l-preġudizzju li ser isofri jekk il-Qorti ma tilqax it-talba tiegħu għal ħruġ ta' dan il-mandat.*

5. *Illi fejn fir-rikors odjern jintalab biex l-intimat jiġi inibit "milli jbiegħ, jiddisponi, jassenja jew jittrasferixxi bi kwalsiasi titolu kemm oneruż jew gratuwitu <u>dak</u> kollu li l-intimat wiret mingħand id-defunta Anna Xuereb" jingħad li r-rikorrent diġa talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 1266/16 fil-31 ta' Awwissu, 2016 (Dok. VG1) fuq l-oġġetti hawn imsemmija u għalhekk ma jistax ir-rikorrenti jitlob il-ħruġ ta' żewġ mandati fuq l-istess ħaġa. Mandat wieħed huwa suffiċjenti. L-għażla tal-mandat opportun hija dejjem f'idejn il-kreditur però dan ma jistax jabbuża*

*mill-proċedura u joħroġ diversi mandati fuq l-istess ħaġa. Għalhekk, għal dak li jirrigwarda l-ġid parafernali tad-defunta Anna Xuereb u dik il-parti tagħha li għandha x'taqsam mal-komunjoni tal-akkwisti r-rikorrent huwa diġa ikkawtelat.*

6. *Illi ukoll, ir-rikorrenti ma jistax jitlob il-ħruġ tal-mandat odjern sabiex l-intimat jiġi inibit "milli jbiegħ, jiddisponi, jassenja jew jittrasferixxi bi kwalsiasi titolu kemm oneruż jew gratuwitu dak kollu li l-intimat wiret mingħand id-defunta Anna Xuereb*

   *u*

   *kif ukoll fir-rigward tal-proprjetà mobbli kollha li kienet tifforma parti mill-assi parafernali tad-defunta Anna Xuereb jew li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn l-intimat, b'mod partikolari oġġetti ta' antikità jew artistiċi ta' valur fosthom pitturi u vetturi antiki (classic cars) ta' valur konsiderevoli inkluż iżda mhux limitatament l-oġġetti kollha li huma soġġetti għall-mandat ta' deskrizzjoni Numru 1266/16 ippreżentat fl-istess ismijiet ta' dan il-Mandat".*

   *Ir-rikorrent jeħtieġlu jindika liema huma dawk l-affarijiet li huwa qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex toħroġ dan il-mandat odjern u li ma humiex inklużi fil-mandat ta' deskrizzjoni numru 1266/16. Fil-fehma tal-intimat ma jistax jintalab a blanket warrant u ċioè mandat li jkopri kollox meta l-affarijiet li tagħhom qiegħed jintalab biex l-intimat jiġi inibit milli jagħmel mhumiex indikati.*

7. *Illi f'kull każ, ir-rikorrent mhux sejjer isofri preġudizzju jekk ma jinħarigx dan il-mandat 'l għaliex, għal grazzja tal-argument, l-intimat jiddisponi minn din il-proprjetà, huwa dejjem ikollu, f'każ ta' eżitu favorevoli għalih tal-proċeduri li diġa intavola għar-rigward tat-testmenti magħmula mid-defunta Anna Xuereb, dritt għad-danni.*

8. *Għalhekk il-ħruġ tal-mandat mitlub bir-rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru, 2016 għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent **Stefan Xuereb**.

Rat l-atti kollha tar-Rikors, inkluż il-provi dokumentali mressqin mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-1 ta' Diċembru, 2016, f'liema data l-Qorti ħalliet ir-Rikors għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

L-intimat jeċċepixxi b'mod preliminari n-nullità tar-Rikors in kwantu illi dan ma ma jissodisfax il-vot tal-liġi li jinstab fl-Artikolu 874(2) peress li r-Rikors huwa nieqes mill-partikolaritajiet kollha tal-intimat u li huma meħtieġa mil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' trasferimenti ta' proprjetà immobbli mill-intimat fir-Reġistru Pubbliku. Min-naħa tiegħu r-rikorrent irrileva illi l-partikolaritajiet tal-intimat meħtieġa mil-liġi għat-trasferiment ta' immobbli anki jekk mhumiex indikati fir-Rikors innifsu, huma indikati f'dokument anness mal-istess Rikors li "għandu u hekk dejjem kien jittieħed bħala dokument uniku flimkien mad-dokumenti miegħu annessi".[1] Anki jekk mhux strettament konformi mal-vot tal-liġi, il-Qorti hija tal-fehma illi kwalsiasi nuqqas bħal dan m'għandux jimporta n-nullità tar-Rikors, tenut kont ukoll tal-fatt illi tali nuqqas fl-aħħar mill-aħħar jista' jippreġudika biss l-interessi tar-rikorrent jekk il-partikolaritajiet tad-debitur li jiġu iskritti fir-Reġistru Pubbliku ma jkunux dawk korretti.

[1] Ara l-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Diċembru, 2016.

Kwantu għal dak illi ġie eċċepiet ukoll b'mod preliminari mill-intimat illi r-rikorrent ma jistax iżomm lill-intimat milli jiddisponi min ġidu 'l għaliex il-premessi u t-talbiet fil-kawża bin-numru 757/16/JRM jirrigwardaw biss, f'każ ta' eżitu favorevoli għalih, il-ġid tad-defunta Anna Xuereb, il-Qorti taqbel illi abbażi ta' dawn il-pretensjonijiet kif artikolati fl-imsemmija kawża u li r-rikorrent qiegħed ifittex li jikkawtela bil-ħruġ tal-Mandat, ir-rikorrent ma jistax iżomm lill-intimat milli jiddisponi minn dik il-parti ta' ġidu li toriġina minn sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti li huwa kellu flimkien ma' martu Anna Xuereb.

Illi kwantu għal dak kollu li l-intimat wiret mingħand id-defunta Anna Xuereb u li diġa jinsab kolpit bil-Mandat ta' Deskrizzjoni 1266/2016, ċertament li mhuwiex il-każ li jiġi milqut ukoll taħt l-effetti ta' xi mandat ta' inibizzjoni ġaladarba tali mandat jista' jinħareġ biss fl-eventwalità li l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent ma jkunux jistgħu jiġu mħarsa mod ieħor u allura ma jkunx il-każ illi jekk ma jinħariġx il-mandat ta' inibizzjoni r-rikorrent se jsofri xi preġudizzju irrimedjabbli. Ladarba l-pretensjonijiet tar-rikorrent fir-rigward tal-imsemmija effetti mobbili huma diġà ikkawtelati permezz tal-imsemmi mandat ta' deskrizzjoni, ċertament li mhuwiex il-każ li dawn il-pretensjonijiet ikunu ikkawtelati wkoll permezz ta' dan il-Mandat.

Illi kwantu għal dawk l-effetti mobbili ġejjin mill-wirt tad-defunta Anna Xuereb li skont ir-rikorrent mhumiex inklużi fil-mandat ta' deskrizzjoni numru 1266/1, sabiex il-Mandat ta' Inibizzjoni jkun wieħed tabilħaqq effettiv, huwa meħtieġ illi jiġi speċifikat kemm

fir-Rikors u kemm fil-Mandat innifsu liema huma eżattament dawk il-mobbili kolpiti bil-Mandat, xi ħaġa li r-rikorrent naqas illi jieħu ħsieb jagħmel.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi skont l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tlett presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ *periculum in mora.*

(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti,

l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qliegħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara** et deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:

> "Tqis illi huwa ukoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".

(3) <u>ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd:</u> il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħrug tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kull ma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija ntiża sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk

din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tlett elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Ara **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :

> "il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti**, Prim Awla, 18 ta' Lulju, 2008.

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

<u>Applikati għall-proċedura odjerna dawn il-prinċipji legali elaborati mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna</u>:

Illi l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent li huwa qiegħed ifittex illi jikkawtela bil-ħruġ tal-Mandat diġà kienu imfissra mir-rikorrent fil-kawża li ressaq permezz tar-Rikors Maħluf Numru 757/16JRM. L-attur f'dik il-kawża u r-rikorrent f'din il-proċedura, ifisser kif il-validità tad-disposizzjonijiet testamentarji tad-defunta Anna Xuereb favur l-intimat Giuseppe Xuereb qed tiġi impunjata peress illi dawn kienu, skont hu, riżultat ta' pressjoni żejda eżerċitata fuq it-testatriċi mill-intimat li kien u huwa persuna awtoritarja u jbati minn *Controlling Personality Disorder* biex b'hekk, skont kif jallega hu, l-imsemmija disposizzjonijiet testamentarji ma kienux jirriflettu l-vera volontà tad-defunta omm ir-rikorrent u mart l-intimat.

Illi fl-imsemmi Rikors Maħluf ir-rikorrent jindika lista twila ta' xhieda in sostenn ta' din it-teżi tiegħu. Madankollu waqt is-smigħ ta' dan il-Mandat assolutament ma nġibu ebda provi imqar fuq bażi *prima facie* in sostenn tal-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent, apparti dak illi xehed ir-rikorrent stess:

> "Ir-raġuni prinċipali għaliex jien qed nieħu dawn l-azzjonijiet huma minħabba li missieri bl-aġir tiegħu, kurrenti u passat, qed juri biċ-ċar li

> hu jrid jillikwida l-assi kollha ta' ommi ħalli jien jekk niġi biex nirtu ma jkun fadal xejn. Essenzjalment din hija diseredazzjoni min-naħa ta' ommi fejn ommi ma riditx tiddiseredani". [2]

Ir-rikorrent jista' jkollu r-raġunijiet tiegħu għalfejn fiċ-ċirkostanzi jinsab imħasseb u anzjuż li jaf jispiċċa ma jmissu xejn mill-wirt ta' ommu, imma kien tenut illi f'din il-proċedura iressaq prova oġġettiva, anke jekk *prima facie*, biex ikun jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkollu sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib biex fuq sempliċi allegazzjoni tar-rikorrent f'dan l-istadju, il-Qorti permezz tal-Mandat iċċaħħad lill-intimat mit-tgawdija ta' ġidu.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu; u**

**Tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2016, safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.**

Mogħti kameralment illum, 9 ta' Diċembru, 2016.

[2] A fol. 98.